**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru : 327/2019 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**CD**

**vs**

**ED**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CD datat 12 ta' Lulju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-5 ta' Mejju 1990;*

2. *Illi dan iż-żwieġ tkisser irrimedjabilment u l-partijiet ilhom separati de iure b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Sylvana Borg Caruana datat 14 ta' Ġunju 2000 (Dok ADS) u ma irrikonċiljawx.*

3. *Illi għalhekk il-partijiet ilhom ferm aktar minn erbgħa snin separati de iure.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tippronunzja sentenza ta' divorzju bejniethom u konsegwentament tidħol l-annotazzjoni relattiva fl-atti taċ-ċertifikat taż-żwieġ.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond

il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Illi CD xehed (fol 12) illi huwa iżżewweġ lil martu fil-5 ta' Mejju 1990 u minn dan iż-żwieġ kellhom tifla, illum maġorenni u taħdem full time. Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni personali f'Gunju 2015. Xehed ukoll illi l-partijiet ippruvaw jirrikonċiljaw madwar erbgħa jew ħames snin ilu pero din ir-rikonċiljazzjoni ma irnexxietx. Xehed ukoll illi pendenzi ta' manteniment ma hemmx.

Illi ED xehdet (fol 14) u ikkonfermat dak li xehed CD.

Illi CD (fol 16) reġa xehed u ippreżenta ċertifikat taż-żwieġ tal-kontendenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu***

***għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' Mejju 1990 (Vide Dok A fol 10) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla waħda, illum maġġorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana , datat 14 ta' Ġunju 2005 (fol 2 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati jew pendenzi ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-lum,**

**javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**